**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 306/2013**

**tat-2 ta' April 2013**

**dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal- ►M1 *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 ◄ għall-ħnienes miftuma u Suidae miftuma minbarra *Sus scrofa domesticus* (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 91, 3.4.2013, p. 5)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/366 tas-16 ta' Frar 2023 | L 50 | 59 | 17.2.2023 |

▼B

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 306/2013**

**tat-2 ta' April 2013**

**dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-►M1 *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 ◄ għall-ħnienes miftuma u Suidae miftuma minbarra *Sus scrofa domesticus* (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "stabbilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg f'għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana** | | | | | | | | | |
| 4b1823 | Kemin Europa N.V. | ►**M1** *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 ◄ | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br><br>Preparazzjoni tal- ►**M1** *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 ◄ li fiha minimu ta' $1 \times 10^{10}$ CFU/g addittiv<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br><br>Spori ta' ►**M1** *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 ◄<br><br>*Metodu analitiku* (1)<br><br>Enumerazzjoni: il-metodu spread plate bl-użu tat-tryptone soya agar bi trattament minn qabel ta' sħana tal-kampjuni tal-għalf.<br><br>Identifikazzjoni: metodu ta' elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE). | Ħnienes (miftuma) u Suidae (miftuma) minbarra *Sus scrofa domesticus* | — | $1 \times 10^7$ | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u l-pretaħlitiet, indika t-temperatura tal-ħażna, kemm jista' jdum maħżun u l-istabbiltà għall-pelleting.<br><br>2. Għall-użu fi ħnieżer żgħar (miftuma) li huma ta' piż ta bejn wieħed u ieħor 35 kg | It-23 ta' April 2023 |

(1) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz elettroniku li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx